

Is-sentenza appellata twassal, fl-aħħar mill-aħħar, għall-introduzzjoni ta' dritt għal *actio popularis* kontra deċiżjonijiet dwar għaj-nuna mill-Istat, liema dritt ma jeżistix fid-dritt Komunitarju.

Appell ippreżentat fis-27 ta' Frar 2009 mis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Prim'Istanza (It-Tmien Awla) fis-17 ta' Diċembru 2008 fil-Kawża T-137/07, Portela – Comércio de artigos ortopédicos e hospitalares, L^{da} vs Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej

(Kawża C-85/09 P)

(2009/C 102/26)

Lingwa tal-kawża: Il-Portugiż

Partijiet

Appellanti: Portela – Comércio de artigos ortopédicos e hospitalares, L^{da} (*rappreżentant:* C. Mourato, avukat)

Appellata: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej

Talbiet tal-appellanti

L-appellanti titlob lill-Qorti tal-Prim'Istanza jogħġobha:

— tannulla parzjalment id-digriet appellat fil-parti li tikkunsidra li ma ġietx stabbilita r-rabta kawżali bejn in-nuqqas tal-Kummissjoni u l-preġudizzju allegatament subiti (punti 96, 07, 99, 100 u 101 tad-digriet appellat) mill-appellanta.

Kif ukoll, billi tiddeċiedi mill-ġdid l-appell fuq il-mertu, sabiex,

— preliminarjament tiddikjara li, f'dan il-każ ġew sodisfatti l-kundizzjonijiet ta' responsabbiltà mhux kuntrattwali tal-Kummissjoni; tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ħlas ta' kumpens għad-danni allegatament subiti; u tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż kollha taż-żewġ istanzi, inklużi dawk tal-appellanta.

— sussidjarjament, terġa' tibgħat il-kawża quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza, sabiex din tivverifika li ġew sodisfatti l-kundizzjonijiet ta' responsabbiltà mhux kuntrattwali; tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ħlas tal-kumpens għad-danni allegatament subiti; u tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż – inklużi dawk tal-appellanta – għal dan l-appell u għall-kawża quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza.

Aggravji u argumenti prinċipali

— nuqqas ta' motivazzjoni suffiċjenti tad-digriet appellat, peress li l-Qorti tal-Prim'Istanza ma wegħbitx għall-argumenti involkati mill-appellanta, fil-punti 92 u 93 tar-rikors inizjali, li jgħidu li n-nuqqas ta' rappreżentant tal-produttur fiż-Żona Ekonomika Ewropea, li hu obligatorju skont id-direttiva, ipprekluda l-proċess ta' stima u ta' konformità magħmul mill-korp innotifikat, kif ukoll, l-affermazzjoni tal-Kummissjoni li ma ġietx imsejħa sabiex tintervjeni fil-proċedura ta' salvagwardja, peress li l-awtorità Portugiża *Infarmed* ma mexietx skont l-Artikolu 14B tad-Direttiva tal-Kunsill 93/42/KEE ⁽¹⁾ tal-14 ta' Ġunju 1993, dwar mezzi mediċi, kif emendata bid-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 98/79/KE ⁽²⁾ tas-27 ta' Ottubru 1998, dwar il-mezzi mediċi djanjostiċi in vitro;

— żball ta' evalwazzjoni tar-rabta kawżali bejn l-impjgħ tal-Kummissjoni u d-dannu subit mill-appellanta u interpretazzjoni żbaljata tal-Artikoli 8 u 14B tad-direttiva, min-naħa tal-Qorti tal-Prim'Istanza;

— ksur tad-drittijiet tad-difiża peress li ma tatx lok għal miżuri istruttorji kif mitlub mill-appellanta.

⁽¹⁾ ĠU L 169, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 331, p. 1.

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-VAT and Duties Tribunal, Manchester (ir-Renju Unit) fis-27 ta' Frar 2009 – Future Health Technologies Ltd vs Her Majesty's Commissioners of Revenue and Customs

(Kawża C-86/09)

(2009/C 102/27)

Lingwa tal-kawża: L-Ingliż

Qorti tar-rinviju

VAT and Duties Tribunal, Manchester

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Future Health Technologies Ltd

Konvenuta: Her Majesty's Commissioners of Revenue and Customs

Domandi preliminari

- 1) F'ċirkustanzi fejn Stat Membru jaċċetta li servizzi huma mwettqa minn stabbiliment li għandu jkun ikkunsidrat bħala stabbiliment debitament rikonoxxut ta' natura simili għal sptar jew ċentru għat-trattament mediku jew dijanjosi skont l-Artikolu 132(1)(b) tad-Direttiva Prinċipali dwar il-VAT⁽¹⁾, l-espressjoni "sptar u kura medika" fl-Artikolu 132(1)(b) għandha tkun interpretata bħala li tinkludi s-servizzi kollha jew, inkella, servizz wieħed jew iktar (u f'dan il-każ liema) li għandhom is-segweni deskrizzjonijiet (kif deskritti f'iktar dettall fid-dikjarazzjoni stabbilita tal-fatti):
- a) L-għoti lill-ġenituri ta' tarbija li għadha ma twelditx ta' kitt tat-tgħamir mediku neċessarju sabiex jippermetti lil professjonist mediku indipendenti li jkun qiegħed jassisti t-twelid jiġbor id-demm mill-kurdun umbelikali tat-tarbija f'tit wara t-twelid;
 - b) L-ittestjar tad-demmi hekk miġbur f'faċilità mibnija għal dan il-għan sabiex ikun żgurat li dan ma jkunx ikkontaminat b'xi kundizzjoni medika li tista' tkun trażmessa permezz tad-demmi jew permezz ta' estratt ta' ċelluli staminali mid-demmi fil-każ tal-użu terapewtiku ta' ċelluli staminali (b'ittestjar simili li jsir għal darb'oħra wara 6 xhur);
 - c) L-ipproċessar tal-imsemmi demmi minn u taħt is-superviżjoni ta' professjonisti mediċi kkwalifikati kif xieraq sabiex ikun estratt kampjun ta' ċelluli staminali li jistgħu jintużaw għal użu mediku terapewtiku;
 - d) Il-ħażna tad-demmi u ta' ċelluli staminali f'kundizzjonijiet xjentifikament ikkontrollati intiżi sabiex id-demmi u ċ-ċelluli staminali jinżammu u jkunu ppreservati f'kundizzjoni perfetta; u/jew
 - e) Ir-rilaxx tad-demmi fuq talba tal-ġenituri (sakemm il-wild ikollu 18-il sena) għal użu fi trattament mediku?
- 2) Sussidjarjament, il-kunċett ta' attivitajiet li huma "relatati mill-vidin" għal sptar u kura medika fl-Artikolu 132(1)(b) tad-Direttiva Prinċipali tal-VAT għandu jkun interpretat b'mod li jinkludi s-servizzi kollha msemmija iktar 'il fuq jew xi wħud minnhom (u f'dan il-każ liema)?
- 3) F'ċirkustanzi fejn Stat Membru jaċċetta li l-imsemmija servizzi huma mwettqa minn jew taħt is-superviżjoni ta' professjonist mediku kkwalifikat kif xieraq wieħed jew iktar, l-espressjoni l-espressjoni "il-provvediment [provvista] ta' kura medika" fl-Artikolu 132(1)(c) għandha tkun interpretata b'mod li tinkludi is-servizzi kollha jew, inkella, servizz wieħed jew iktar (u f'dan il-każ liema) li għandhom is-segweni deskrizzjonijiet (kif deskritti f'iktar dettall fid-dikjarazzjoni stabbilita tal-fatti):
- f) L-għoti lill-ġenituri ta' tarbija li għadha ma twelditx ta' kitt tat-tgħamir mediku neċessarju sabiex jippermetti lil professjonist mediku indipendenti li jkun qiegħed jassisti t-twelid jiġbor id-demmi mill-kurdun umbelikali tat-tarbija f'tit wara t-tweild;
 - g) L-ittestjar tad-demmi hekk miġbur f'faċilità mibnija għal dan il-għan sabiex ikun żgurat li dan ma jkunx ikkontaminat b'xi kundizzjoni medika li tista' tkun trażmessa permezz tad-demmi jew permezz ta' estratt ta' ċelluli staminali mid-demmi fil-każ ta' użu terapewtiku ta' ċelluli staminali (b'ittestjar simili li jsir għal darb'oħra wara 6 xhur);
 - h) L-ipproċessar tal-imsemmi demmi minn u taħt is-superviżjoni ta' professjonisti mediċi kkwalifikati kif xieraq sabiex ikun estratt kampjun ta' ċelluli staminali li jistgħu jintużaw għal użu mediku terapewtiku;
 - i) Il-ħażna tad-demmi u ta' ċelluli staminali f'kundizzjonijiet xjentifikament ikkontrollati intiżi sabiex id-demmi u ċ-ċelluli staminali jinżammu u jkunu ppreservati f'kundizzjoni perfetta; u/jew
 - j) Ir-rilaxx tad-demmi fuq talba tal-ġenituri (sakemm il-wild ikollu 18-il sena) għal użu fi trattament mediku?

⁽¹⁾ Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 347, p. 1).